MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-5 ta' April, 2004

Citazzjoni Numru. 1740/2001/1

**Electronic Products Limited**

**Vs**

**Nicholsons The Supermarkets Limited**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremetiet illi s-socjeta' konvenuta kienet inkarigat lis-socjeta' attrici sabiex din tal-ahhar tikkonsenjala xi *computer hardware* kif ukoll biex tipprovdilha servizz ta' *maintenance* fis-sistema tal-*computer*.

Premess illi s-socjeta' attrici dahlet fi ftehim (li kopja tieghu qed tigi hawn mehmuz u mmarkat bhala dokument EPO1) mas-socjeta' konvenuta li permezz tieghu l-istess socjeta' konvenuta filwaqt li ammettiet li ghandha taghti l-bilanc kumplessiv ta' hamest elef, mija u tlettax-il lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm5,113.61), liema ammont jikkonsisti fl-ammont ta' tmien mija u erba u tmenin lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm884.460) rigwardanti *computer hardware* u l-ammont ta' erbat elef, mitejn u disgha u ghoxrin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm4,229.15) rigwardanti servizz ta' *maintenance*;

Premess illi skond l-istess ftehim is-socjeta' konvenuta ntrabtet li taghmel hlasijiet regolari sa minn Lulju ta' din is-sena;

Premess illi fil-fatt is-socjeta' konvenuta baghtet xi cekkijiet lis-socjeta' attrici skond l-istess ftehim;

Premess illi dawn ic-cekkijiet (kopja ta' wiehed minnhom hawn anness u mmarkat bhala Dokument EPO2) ma setghux jissarrfu peress li l-kont li minnu nhargu kien maghluq;

Premess li l-ammont pagabbli lis-socjeta' attrici huwa ta' hamest elef, mija u tlettax-il lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (lm5,113.61) u dana skond *statement* hawn anness u mmarkat dokument EPO3;

Premess illi minkejja interpellata diversi drabi sabiex thallas dan l-ammont, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti;

Premess illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti;

Tghid ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Taqta' u tiddeciedi l-kawza ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' bid-dispensa tas-smiegh;

2. Tikkundanna li s-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef, mija u tlettax-il lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm5,113.61) rapprezentanti ammonti dovuti mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici fir-rigward ta' konsenja ta' *computer hardware* kif ukoll bhala hlasijiet ghal servizz ta' *maintenance* fis-sistema tal-*computer*, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi;

Bl-ispejjez inkluzi l-Mandat ta' Sekwestru u l-Mandat ta' Qbid pprezentati kontestwalment u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol.2B tal-process;

Rat li l-konvenuti baqghu kontumaci u ma pprezentaw ebda nota ta' eccezzjonijiet ghalkemm inghataw iz-zmien biex jaghmlu dana (ara fol. 13);

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi skond id-dok EPO1 a fol. 5 il-konvenuti kienu ammettew li ghandhom jaghtu s-somma ta' Lm5,113.61 ghal *hardware* u *maintenance* ta' *computers* konsenjati lis-socjeta' konvenuta.

Minhabba f'hekk il-konvenuti ma kienux ipprezentaw eccezzjonijiet u l-kawza thalliet sine die biex il-konvenuti

jilhqu jhallsu. Fil-fatt pero' l-konvenuti ma waslux ghal kollox u l-kawza regghet giet appuntata. Il-konvenuti kienu fil-frattemp ghamlu ftehim gdid ma' l-atturi dwar kif kellhom isiru l-pagamenti u anke nhargu kambjali. Illum pero' l-partijiet mhux qed jaqblu fuq kemm hu l-bilanc dovut.

L-atturi qed jissottomettu li fadal bilanc ta' Lm2,120.41 (ara fol 23) mentri l-konvenuti qed jirretjenu li l-bilanc hu ta' Lm1,454 (ara fol. 24) jew Lm1,558.18 (ara fol. 33).

L-atturi pprezentaw id-dokument a fol. 23 fejn spjegaw kemm hu l-ammont dovut. Charles Galea xehed li l-konvenuti qatt ma onoraw il-kambjali fil-hin u ma kienux ihallsu l-ammont kollu dovut fuq il-kambjala. Kwantu ghall *maintenance agreement*, Galea xehed li dana hu ammess (ara dok a fol. 5) u kien jirreferi ghal *maintenance* ta' qabel cioe li kien diga skada.

Tonio Ciantar xehed li hu ghamel pagamenti ohra u li gew ritornati lilu l-kambjali li kien hallas. Kien ipprometta li jesebihom izda fil-fatt ma esebixxa xejn.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-atturi rnexxilhom jippruvaw li l-ammont ta' Lm2,120.41 hu dovut.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tideciedi billi
tilqa' t-talba attrici u
tikkundanna li s-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma elfejn mija u ghoxrin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmi (Lm2,120.41) rapprezentanti bilanc dovut mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici fir-rigward ta' konsenja ta' *computer hardware* kif ukoll bhala hlasijiet ghal servizz ta' *maintenance* fis-sistema tal-*computer*, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi.
Bl-ispejjes u bl-imghax mid-data tas-sentenza kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------